Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,212, 26 ta' Marzu, 2024

Taqsima B

A.L. 76 tal-2024

ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD (KAP. 425)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sajd

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru responsabbli għas-sajd u l-akkwakultura għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sajd u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sajd, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 425.01.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Tifsir.

1A. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 425.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd;

"Direttur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 49 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Imrejkba.

49A. (1) L-użu tal-irkaptu tas-sajd magħruf bħala imrejkba għandu jkun soġġett għal dan ir-regolament u r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-imrejkba hija rkaptu tas-sajd li tista' tintuża biss skont liċenza valida maħruġa mid-Direttur;

(b) liċenza għal imrejkba tista' tawtorizza sajd sa massimu ta' erbgħin (40) sunnara f'żoni intiżi għas-sajd ta' ħut pelaġiku u, jew sa massimu ta' tmenin (80) sunnara f'żoni intiżi għas-sajd ta' ħut demersali;

(ċ) l-imrejkba tista' tiġi kalata fil-baħar biss mill-kosta minn persuna fiżika li tkun fuq l-art u biss għal sajd f'dawk iż-żoni identifikati fil-liċenza mid-Direttur;

(d) meta l-imrejkba tkun kalata fil-baħar ma tistax tokkupa spazju ikbar minn żewġ metri kwadru u dan għandu jkun il-qies massimu li għaliha tista' tinħareġ liċenza;

(e) l-imrejkba kalata fil-baħar ma għandhiex, salv forza maġġuri, tkun jew titħalla aktar minn mitejn u ħamsin metru bogħod mill-kosta;

(f) bla ħsara għal-liġijiet oħra, id-detentur tal-liċenza għandu f'kull ħin ikun responsabbli skont il-liġi għal kwalunkwe ħsara kkawżata lill-persuni jew lill-ħwejjeġ tagħhom fil-baħar, sakemm jipprova li l-imsemmija ħsara ġiet ikkawżata mingħajr ħtija tiegħu; u

(g) l-użu tal-imrejkba għandu jkun soġġett għal-liġijiet u l-avviżi dwar navigazzjoni u attivitajiet marittimi maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti kollha.

(2) Liċenza għall-użu tal-imrejkba tista' tkun valida għas-sena kollha jew għal dawk il-perjodi li d-Direttur jista' jippreskrivi fil-liċenza.

(3) L-imrejkba tista' tiġi liċenzjata biss għal sajd rikreazzjonali u l-ħut maqbud biha jista' jinżamm biss għall-konsum tal-membri tal-familja tad-detentur tal-liċenza sat-tieni grad. Fl-eventwalità li ma jkunx il-każ, il-qabda jew l-eċċess minnha għandhom jiġu rilaxxati fil-baħar minnufih u kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni tal-ħut maqbud bl-imrejkba għandu f'kull ħin ikun ikun ipprojbit.

(4) Id-detentur tal-liċenza għall-użu tal-imrejkba għandu f'kull ħin ikun responsabbli għall-konformità ma' dan ir-regolament u l-liġijiet applikabbli kollha.

(5) Imrejkba liċenzjata skont dan ir-regolament għandha f'kull ħin:

(a) tkun ta' struttura trijangolari u magħmula minn kanen tal-injam jew tal-plastik li jinżammu flimkien ma' fliexken tal-injam jew tal-plastik li jistrieħu fuq materjal li jibqa' fuq wiċċ il-baħar;

(b) ikollha qlugħ iffissat fin-nofs tagħha li taġixxi bħala l-uniku mezz ta' propulsjoni fuq il-baħar;

(ċ) ikollha l-qlugħ tagħha kkulurit b'kulur jgħajjat;

(d) ikollha bozza tpetpet f'kull ħin waqt li tkun kalata fil-baħar; u

(e) il-qlugħ għandu jkun immarkat bin-numru tar-reġistrazzjoni indikat fuq il-liċenza b'mod li jinqara u jintgħaraf.

(6) Kull detentur ta' liċenza maħruġa skont dan ir-regolament għandu jżomm ġurnal tas-sajd kif jista' jiġi ordnat mid-Direttur u għandu jirreġistra l-attivitajiet tiegħu fih għal kull ġurnata, jew parti minnha, li huwa uża l-imrejkba għas-sajd skont dan ir-regolament.".